# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 19**

**Rikors numru 937/2011/1 JRM**

**Carmela sive Charmaine Sammut**
**v.**
**L-Onorevoli Prim Ministru, Segretarju Ewlieni Permanenti, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa u Kura tal-Anzjani, u Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi wara sentenza ta' nhar id-9 ta' Lulju 2020 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti qieset li d-deċiżjoni li ma jiġix imġedded kuntratt ta' impjieg definit fil-konfront tal-attriċi la kienet abbużiva, la kienet bi ksur tal-liġi, la kienet bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u anqas kienet

irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Daħla**

2. L-attriċi, permezz ta' rikors ġuramentat, ressqet is-segwenti talbiet:

> *"1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni li l-kuntratt ta' Marzu 2008 iffirmat mir-rikorrenti ma jiġix imġedded u terminat hija ultra vires peress li ttieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u mingħajr ma ġew segwiti ħtiġijiet proċedurali mandatorji skont il-liġi, u in oltre, it-terminazzjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti tmur kontra l-liġi.*
>
> *2. Konsegwentement tiddikjara t-terminazzjoni tal-istess kuntratt bħala nulla, invalida u mingħajr effett.*
>
> *3. Tordna għaldaqshekk illi r-rikorrenti tingħata lura l-grad li kellha bħala ICT Governance Officer ai termini tal-istess kuntratt u tiġi reinstated in status quo ante fl-impjieg tagħha u bid-drittijiet kollha tagħha.*
>
> *4. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom ikkaġunaw danni lir-rikorrenti minħabba l-aġir abbusiv tagħhom, u konsegwentement tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati."*

3. Ir-raba' talba ġiet ċeduta wara li l-attriċi ressqet nota fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017[1]. L-attriċi ressqet dawn it-talbiet abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi r-rikorrenti hija uffiċjali pubbliku u ilha ingaġġata mas-servizzi ċivili għal diversi snin u san sa mis-sena 1981. F'Marzu 2008, ir-rikorrenti ġiet ikkuntrattata biex twettaq xogħol ta' ICT Governance Officer.*
> *2. Illi l-kuntratt li permezz tiegħu ġiet ingaġġata biex twettaq ix-xogħol ta' ICT Governance Officer, li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'CS 1' għandu terminu ta' tliet (3) snin b'data ta' terminazzjoni fil-31 ta' Marzu tas-sena 2011.*

[1] *Fol.* 543

*3. Illi ai termini tal-liġi u ta' klawsola numru 7.5 tal-istess kuntratt, ir-rikorrenti kienet ikkomunikat mas-superjuri tagħha, u dan bl-iskop li tivverifika jekk dan il-kuntratt kienx se jiġi mġedded, liema talba saret bil-miktub, iżda r-rikorrenti baqgħet qatt ma ingħatat risposta.*

*5. Illi sad-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt, ir-rikorrenti ma kienet irċeviet ebda komunikazzjoni fir-rigward tal-pożizzjoni fl-impjieg tagħha.*

*Illi b'ittra datata 20 ta' April 2011, li qed tiġi hawn annessa u markata bħala Dokument 'CS 2', u ċioe għoxrin ġurnata wara d-data tal-31 ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li l-kuntratt ma kienx qiegħed jiġi mġedded għar-raġunijet li f'din l-ittra ma ġewx imfissra u li kienet qed terġa' tirriverti lura fil-grad li kellha qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt datat Marzu 2008.*

*6. Illi għaldaqstant, peress li r-rikorrenti qatt ma ingħatat raġuni mill-intimati jew min minnhom ta' x'wassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt tagħha, u konsegwentement, qatt ma ingħatat l-opportunita' li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha billi l-proċeduri stipulati fil-liġi fil-każ ta' terminazzjoni mill-impjieg qatt ma ġew segwiti.*

*7. Illi d-deċiżjoni tar-rikorrenti li l-kuntratt lilha mgħoti ma jiġix imġedded u terminat hija ultra vires peress li ttieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u mingħajr ma ġew segwiti ħtiġijiet proċedurali mandatorji skont il-liġi, u in oltre, t-terminazzjoni al-kuntratt tar-rikorrenti imur kontra l-liġi.*

*8. Illi skont il-kuntratt li permezz tiegħu hija ġiet ingaġġata bħala ICT Governance Officer, ir-rikorrenti kellha tkun notifikata b'terminazzjoni tal-istess sa mhux aktar tard minn xahar qabel.*

*9. Illi fil-frattemp, u ċioe sakemm irċeviet din l-ittra ir-rikorrenti baqgħet xorta taqdi d-doveri tagħha bħala ICT Governance Officer.*

*10. Illi għalhekk, ġialadarba r-rikorrenti baqgħet twettaq dawn id-doveri wara li kienet skadiet id-data tal-kuntratt u hija ma kellhiex informazzjoni jew notifikazzjoni minn qabel id-data tal-31 ta' Marzu 2011, il-kuntratt ġie awtomatikament imġedded.*

*11. Illi għaldaqstant l-ittra tal-20 ta' April 2011 (Dokument 'CS 2') ma għandha l-ebda effett legali fil-konfront tar-rikorrenti stante li din ħarġet u ġiet notifikata lir-rikorrenti ferm wara d-data tal-31 ta' Marzu 2011 meta l-esponenti kienet għadha qed taqdi d-doveri tagħha bħala ICT Governance Officer.*

*12. Illi r-rikorrenti minkejja li l-kuntratt ġie awtomatikment imġedded u dan għar-raġunijiet infraskritti, qed tinżamm milli twettaq id-doveri tagħha li għalihom ġiet ingaġġata permezz tal-kuntratt su riferit.*

*13. Illi l-aġir tal-intimati jew minnhom qiegħed jikkawża danni u se jkompli jikkawża danni lir-rikorrenti u dan sakemm l-istess rikorrenti ma titħalliex tissokat twettaq ix-xogħol tagħha peress li l-kuntratt ġew awtomatikment imġedded, u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*14. Illi d-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrenti jiġi terminat hi ultra vires peress illi ittieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u mingħajr me ġew segwiti ħtiġijiet proċedurali mandatorji skond il-*

*liġi, u inoltra’ t-terminazzjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti tmur kontra l-liġi.*
*15. Illi l-intimati ġew interpellati permezz ta’ protest ġudizzjaru datat 20 ta’ Mejju 2011 iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti kopja tagħha qed jiġi anness u mmarkat (Document CS 3).*
*16. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*
*17. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.”*

4. L-intimati ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*“Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Onorevoli Prim Ministru m'huwhiex il-legittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti stante li ma hemm ebda allegazzjoni diretta jew indiretta fil-konfront tieghu u l-konvenuti l-ohra jistgħu adegwatament jirrispondu u jilqgħu għall-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tal-attrici;*

*Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari, il-kariga ta' Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sahha giet abolita u giet minflok assorbita fil-funzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u ghalhekk l-atti ghadhom jigu korretti f'dan is-sens;*

*Illi subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijet u t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunjiet segwenti:*

*Illi mhux kontestat li l-attriċi ilha uffiċjal pubbliku fis-servizz ċivili sa mill-1981, u li permezz tal-kuntratt ta' Marzu 2008 (anness mar-rikors ġuramentat) hija ġiet ingaġġata mal-Ministeru għall-Politika Soċjali bħala ICT Governance Officer għal perjodu ta' tlett snin, liema kuntratt kien jiskadi fil-31 ta' Marzu 2011.*

*Illi r-rwol ta' ICT Governance Officer jirrikjedi li l-uffiċal konċernat jifforma parti minn tim ta' nies li fost affarijiet oħra huma responsabbli mill-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-immaniġjar ta' strateġiji mmirati sabiex il-Ministeru jirnexxielu jhares policies ta' governanza, standards u direttivi tal-Gvern f'dak li jirrigwarda ICT.*

*Illi għalhekk fost affarijiet oħra dan ir-rwol necessarjament jirrikjedi. minn kull impjegat kwalitajiet ta' effiċjenza, effettivita', hidma kollettiva bħala tim u ħiliet ta' komunikazzjoni tajbin.*

*Illi pero' sa mill-bidu nett tal-impjieg tal-attrihi bħala ICT Governance Officer beda jirrizulta b'mod car u persistenti li l-performance, l-output, il-ħiliet ta' komunikazzjoni u l-kontribut tagħha għal team work kienu ferm below average u dan kif ser jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi din is-sitwazzjoni ppersistiet anzi baqgħet dejjem teskala matul it-tlett snin li l-attriċi damet ingaġġata taħt il-kuntratt in kwistjoni u*

*dan minkejja li ripetutament ingħatat hafna opportunitajiet li ttejjeb il-prestazzjoni taghha, u dan ukoll kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi pero' kawża tal-inademjpenza kontinwa tal-attriċi mal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha ma kien fadal ebda triq oħra ħlief li f'għeluq il-kuntratt tat-tlett snin, il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ma rrakkomandatx it-tiġdid tal-kuntratt tal-attriċi bħala ICT Governance Officer mal-Ministeru b'dan illi l-kuntratt tal-impjieg tagħha skada b'effett mill-31 ta' Marzu 2011.*

*Illi b'effett ta' dan l-attriċi rrivertiet lura fil-grad li kellha qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt datat Marzu 2008 u preżentament qegħda taħdem mad-Dipartiment għal Saħħa Ambjentali.*

*Illi fid-dawl tas-suespost l-esponenti għalhekk jirribattu illi l-kwistjoni odjerna hija waħda fejn għal raġunijiet validi fil-liġi, l-kuntratt tal-attriċi ma ġiex imġedded wara l-iskadenza tiegħu u mhux kwistjoni ta' terminazzjoni ta' kuntratt kif qed tippretendi l-attriċi.*

*Illi anke jekk effettivament kien hemm perjodu qasir wara d-data tal-iskadenza tal-kuntratt in kwistjoni fejn l-attriċi baqgħet teżercita l-impjieg tagħha bħala ICT Governance Officer mal-Ministeru dan ma jtiha ebda dritt legali li tqis il-kuntratt tagħha bħala "awtomatikament" imġedded stante li l-liġi viġenti f'dan il-kuntest ma tapplikax għal impjegati fis-servizz pubbliku.*

*Illi għal kull buon fini jiġi ulterjorment ribattut b'riferenza għall-allegazzjonijiet tagħha f'paragrafi 3 tar-rikors ġuramentat li l-attrici fi kwalunwe kaz m'ottempratx ruħha mal-klawsola 7.5 tal-kuntratt in kwistjoni stante li l-intenzjoni tagħha bil- miktub għat-tigdid tal-kuntratt bagħtitha tardivament u cioe' fl-14 ta' Frar 2011 u mhux sa xahrejn qabel kif stipulat fl-istess klawsola.*

*Ili għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-aġir u d-deċiżjonijiet meħuda mill-esponenti huma skond il-liġi u la huma ultra vires u lanqas bi ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali; b'hekk huma lanqas ma għandhom jirrispondu għal danni stante li fil-kors tat-tlett snin tal-kuntratt kienet l-istess attriċi li rrendiet ruħha nkompetenti biex teżerċita l-funzjonijiet li hija daħlet għalihom permezz tal-istess kuntratt.*

*Għaldaqstant l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra tagħha."*

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċiżjoni:

*"Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Onorevoli Prim*

*Ministru u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk qiegħda teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

*Tastjeni milli tqis ir-raba' talba attriċi u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, ladarba ġew irtirati;*

*Tiċħad l-ewwel talba attriċi billi ma ssibx li d-deċiżjoni li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' Marzu 2008 fil-konfront ta' l-attriċi kienet abbużiva, bi ksur tal-liġi, bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew li kienet irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u*

*Tordna li l-attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża."*

U għamlet dan abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"... Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi data f'Marzu tal-2008, l-attriċi daħlet f'kuntratt ta' impjieg (bħala "contract employee", jiġifieri kuntratt ta' ingaġġ għal żmien li jagħlaq) mal-Ministeru tal-Politika Soċjali bħala ICT Governance Officer wara sejħa li ħarġet f'Novembru, tal-2007. Il-kuntratt beda b'seħħ mill-1 ta' April, 2008, u kien għal żmien ta' tliet (3) snin. Waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt kienet torbot lill-attriċi sabiex, xahrejn qabel ma jagħlaq il-kuntratt, kellha tgħarraf lis-Segretarju Permanenti fl-imsemmi Ministeru bil-miktub bix-xewqa tagħha li ġġedded il-kuntratt, u dan kellu jaqtagħha jekk jilqax jew le t-talba tagħha biex iġedded il-kuntratt għal żmien ieħor;*

*Illi fiż-żmien li beda l-kuntratt id-dekasteru tad-Dipartiment tal-Politika Soċjali kien, f'dawk iż-żminijiet, jinkorpora fih ukoll id-Dipartiment tas-Saħħa, u l-attriċi kienet taħdem fis-settur tal-informatika mad-Dipartiment tas-Saħħa. Għal bidu, bdiet tirrapporta l-ħidma tagħha minn Gwardamangia, iżda, xi xhur wara, ngħaqdet ma' grupp ta' uffiċjali oħra li kienu jaħdmu minn uffiċini fil-Belt Valletta. Hija kienet twieġeb liċ-Chief Information Officer, Arthur Gerada (minn issa 'l hemm imsejjaħ is-"CIO");*

*Illi fi kliem l-attriċi, għalkemm xogħolha kien jogħġobha u kienet tagħmlu b'ħeġġa, bdiet tiltaqa' ma' ntoppi u tgħid li kien hemm imġiba abbużiva minn terzi fil-konfront tagħha. Ittenni li ma kinetx qed tiġi ttrattata kif jixraq, inkluż mis-superjur tagħha;*

*Illi s-CIO min-naħa l-oħra, jisħaq li ma bediex jara fl-attriċi l-kwalitajiet li kienu mistennija minnha bħala ICT Governance Officer. Itenni li l-attriċi ma ridetx taħdem fil-qasam tal-governanza minkejja li l-kariga tagħha kienet marbuta mal-governanza, u xtaqet*

*tibqa' taħdem fis-settur tas-saħħa li kienet speċjalizżat fih. Itenni wkoll li kienet trabbiet antipatija bejnha u bejn xi uffiċjal jew uffiċjali oħra li kienu jaħdmu flimkien magħha;*

*Illi fil-bidu ta' Frar tal-2015, l-attriċi bagħtet tistaqsi lill-Assistant Direttur tat-taqsima tar-riżorsi umani fil-Ministeru biex jgħidilha lil min kellha tgħarraf biex turi li kienet imħajra ġġedded il-kuntratt tagħha. F'dawk il-jiem ukoll, xahrejn qabel ma l-kuntratt ta' l-attriċi kien ser jagħlaq, is-CIO bagħat jgħarraf lill-Public Administration HR Office (il-PAHRO) bir-raġunijiet għaliex l-kuntratt ta' l-attriċi ma kellux jiġġedded. Jidher li s-Segretarju Permanenti qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni u tressqet lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għall-ġudizzju tagħha. Il-Kummissjoni laqgħet ir-rakkomandazzjoni;*

*Illi ma jirriżultax li l-attriċi kienet intalbet twieġeb għar-rakkomandazzjoni tac-CIO, lanqas ma jirriżutla li kien hemm xi policy li teżiġi li l-Kummissjoni kellha tikkonsultaha;*

*Illi mill-atti joħroġ ukoll li s-CIO kien ivvaluta ("assessment") l-attriċi darbtejn tul it-tliet snin li ħadmet bħala ICT Governance Officer, u minn rapport li tħejja mill-Grievance Unit f'Diċembru, 2015, fuq ilment li ressqet l-attriċi fl-2014, l-'assessments' li nstabu fil-file tagħha kienu fil-pożittiv;*

*Illi b'ittra tal-20 ta' April, 2011, d-Direttur tat-Taqsima tar-riżorsi umani fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa bagħat jgħarraf lill-attriċi li, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, l-kuntratt tagħha bħala ICT Governance Officer ma kienx se jiġġedded mal-għeluq tiegħu u li kellu jitqies li kien skada fil-31 ta' Marzu, 2011. Hija ntalbet li tmur lura għall-grad sostantiv li kienet fih qabel ma ħadet il-kariga ta' ICT Governance Officer;*

*Illi fl-20 ta' Mejju, 2011, l-attriċi bagħtet protest ġudizzjarju lill-imħarrkin fejn talbithom jirtiraw id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha w fin-nuqqas żammithom responsabbli għad-danni mġarrba minnha;*

*Illi fid-29 ta' Settembru, 2011, infetħet din il-kawża;*

*Illi fl-2014, l-attriċi ressqet ilment quddiem il-Grievances Unit. F'Novembru ta' dik is-sena hija dehret quddiem Bord li kellu aċċess għall-file personali tagħha, u fit-22 ta' Diċembru, 2015, il-Bord irrakkomanda li kienet saret inġustizzja magħha u kellha tingħata kumpens. F'Ġunju tal-2016 intbagħtet ittra mill-imsemmi Unit lill-attriċi biex tgħarrafha bid-deċiżjoni li ttieħedet u l-kumpens li kellha tingħata. L-attriċi rċeviet kumpens ta' darba fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000) ftit taż-żmien wara;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ, il-Qorti tara li l-attriċi tibni l-każ tagħha fuq xilja ta'*

*nuqqas ta' raġonevolezza fl-imġiba ta' l-imħarrkin. Tisħaq li d-deċiżjoni ttieħdet sforz kunsiderazzjonijiet mhux tajba u dan wassalhom biex telfulha, jew min minnhom, l-impjieg tagħha fil-kariga li kellha;*

*Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ dan l-ilment tal-attriċi fil-mertu, jidhrilha xieraq li tqis l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari mqajma mill-imħarrkin. Ladarba l-imħarrkin irtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari, jifdal li l-Qorti tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni preliminari li tgħid li l-Onorevoli Prim Ministru ma messux tħarrek fil-kawża;*

*Illi l-imħarrkin jgħidu li l-Onor. Prim Ministru ġie mħarrek bla bżonn billi ma tressqet ebda xilja diretta jew indiretta fil-konfront tiegħu. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tidħol f'ħafna konsiderazzjonijiet dottrinali dwar min hu l-kontradittur leġittimu f'kawża bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju. Tagħraf biss li bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi huwa t-Tabib Ewlieni tal-Gvern, billi huwa l-kap tad-dipartiment tal-Gvern maħtur fil-materja in kwistjoni. Dak il-kontradittur leġittimu huwa parti f'din il-kawża u għalhekk it-taħrik tal-Prim Ministru bħala parti ma kienx meħtieġ;*

*Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqagħha billi teħles lill-imħarrek Prim Ministru milli jibqa' aktar fil-kawża;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-azzjoni attriċi, jingħad li t-talbiet attriċi huma ta' stħarriġ ġudizzjarju, dan biex qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tissindika l-aġir tal-imħarrkin u ssib li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha kienet abbużiva billi kienet irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12;*

*Illi ir-rwol tal-Qorti f'azzjonijiet ta' din il-għamla ilu żmien mifhum w aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa.*

*Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ. Jista' jkun li l-każ partikolari jitlob li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li, meta tiġi biex tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet tagħha jkunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ l-ilment tal-attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin għal dawk l-ilmenti. Ladarba l-attriċi tixli lill-imħarrkin b'imġiba lil hinn mil-liġi ('ultra vires'), taqa' fuqha l-ħtieġa li tipprova dak li tallega. Naturalment, dan meħtieġ li jsir fil-grad mistenni f'kawża ta' xejra ċivili bħalma hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;*

*Illi biex il-Qorti tista' tqis is-siwi tal-imsemmija lmenti jeħtieġ li tara (i) min ħa d-deċiżjoni biex il-kuntratt ta' Marzu 2008 ma jiġġeddidx; (ii) liema kienu l-kriterji li ntużaw biex ittieħdet id-deċiżjoni; (iii) taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien regolat min ħa d-deċiżjoni u l-kriterji li ntużaw; u (iv) jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, min ħa d-deċiżjoni qabiżx is-setgħat tiegħu jew wettaqx użu mhux raġonevoli tad-diskrezzjoni mħollija f'idejh;*

*Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq ix-xilja ta' għemil imwettaq ultra vires, huwa meħtieġ qabel kollox li wieħed jara liema hija l-liġi jew prassi li tistabilixxi dak il-"vires". Wara li wieħed jistabilixxi liema hija l-liġi/prassi, ikun jista' jara jekk dak li sar seħħx tassew fil-parametri tagħha jew inkella jekk inqabżux il-limiti tagħha. L-attriċi ma ssemmi ebda liġi, lanqas l-imħarrkin għalkemm jirreferu għal prassi amministrata li bihom jimxi Kap ta' dipartiment;*

*Illi tajjeb li jibda biex jingħad li l-kuntratt li ngħata lill-attriċi kien wieħed għal żmien li jagħlaq. Hemm liġi partikolari li tirregola kuntratti ta' mpieg ta' din l-għamla u dik il-liġi tgħodd ukoll għal kuntratti fis-servizz pubbliku. Dik il-liġi saħansitra ssemmiet sewwasew fl-ewwel klawsola tal-kuntratt iffirmat mill-attriċi;*

*Illi huwa prinċipju bażilari u aċċettat li ladarba l-kuntratt tal-impieg kien wieħed għal żmien li jagħlaq, ma tidħolx il-kwestjoni tal-għoti tal-avviż li wieħed jistenna fil-każ ta' kuntratt ta' mpieg indefinit. Il-pre-avviż maħsub (u pattwit) fil-kuntratt tal-impieg tal-attriċi ma kienx eċċezzjoni jew deroga għal dik ir-regola. Kien jgħodd biss għal meta, b'għażla tal-istess attriċi sa minn xahar wara li ngħatat il-ħatra, riedet ittemm ir-rabta kuntrattwali matul il-ħajja tal-istess kuntratt u qabel l-għeluq taż-żmien maqbul. F'kull każ, dak il-pre-avviż ma kienx mitlub jew dovut fejn il-kuntratt ma jkunx sejjer jiġġedded wara li jagħlaq. Kien mistenni biss li, f'każ li l-attriċi turi ħajra li l-kuntratt jiġġeddilha, kellha tibgħat bil-miktub din il-fehma xahrejn qabel l-għeluq tal-kuntratt;*

*Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar ir-raġuni tat-temm tal-impieg. Ladarba dan huwa każ fejn il-kuntratt ma ġġeddidx, l-għoti ta' raġuni tista' tkun biss ċirkostanza sekondarja għaliex f'kuntratt bħal dak ir-raġuni ewlenija tat-temm tal-impieg hi l-fatt li għalaq iż-żmien miftiehem tal-kuntratt bla ma reġa' ġie mġedded. Fi kliem ieħor, f'kuntratt ta' mpieg għal żmien definit, l-għeluq taż-żmien waħdu huwa r-raġuni (miftehma mill-partijiet sa mill-bidu tar-rabta*

*kuntrattwali ta' bejniethom), minkejja li seta' kien hemm jew ma kienx hemm raġuni tajba oħra li wasslet lil xi waħda mill-partijiet li ma ġġeddux;*

*Illi l-attriċi tippremetti wkoll li ladarba nżammet tagħmel l-istess xogħol wara l-31 ta' Marzu, 2011, bla ma ngħatat kuntratt ġdid, dan ifisser li l-kuntratt kellu jitqies li ġġedded awtomatikament. Il-Qorti tqis li dan l-argument kien ikun tajjeb u ta' siwi kbir li kieku l-attur ma kienx uffiċjal pubbliku. Imma ma hemmx dubju li l-kuntratt li ngħata kien jagħmilha ċara u min-natura tiegħu li l-attur kien ingaġġat bħala uffiċjal pubbliku. Il-liġi tgħid li d-dispożizzjonijiet li jgħoddu għal impjegati fis-settur privat f'dak li jikkonċerna t-temm jew it-tkeċċija mill-impieg ma jgħoddux għal uffiċjali pubbliċi, sakemm ma jkunx espressament hekk ingħad f'xi regolament maħruġ mill-Ministru. Ta' min josserva wkoll li l-leġislazzjoni sussidjarja li wessgħet il-liġi biex tinkludi lil uffiċjali fis-Servizz mal-Gvern, tħalli barra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tagħhom. Mela l-attriċi ma tista' bl-ebda mod tistrieħ fuq dawk id-dispożizzjonijiet biex issejjes din il-parti tal-azzjoni tagħha safejn tisħaq li t-temm tal-kuntratt li kellha sar bi ksur tal-liġi. Dan jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi fl-azzjoni tagħha l-attriċi ssemmi żewġ kawżali oħrajn ewlenin li taħthom tqis li d-deċiżjoni meħuda jistħoqqilha stħarriġ minn din il-Qorti: dawn huma, n-nuqqas ta' ħarsien ta' ħtiġijiet proċedurali mandatorji u nuqqas ta' ħarsien tar-regoli tal-ħaqq naturali (li t-tnejn jaqgħu taħt il-fergħa tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12). B'mod partikolari, hija tgħid li ma ngħatatilha l-ebda raġuni għalfejn kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-kuntratt tagħha ma jiġġeddidx wara l-għeluq taż-żmien miftiehem u li ma ngħatatx l-opportunità li tgħid tagħha;*

*Illi għar-rigward ta' tiġdid ta' kuntratt ta' impjieg bħal dak li ngħatat l-attriċi, ħareġ mill-atti li l-prassi li Kap ta' dipartiment jimxi fuqha hija li tul iż-żmien li persuna tkun taħdem miegħu, kien obbligat jagħmel assessment dwarha. Dan l-assessment jinżamm fil-file personali tagħha. F'għeluq il-kuntratt, id-deċiżjoni jekk kuntratt jiġġeddidx jew le kienet prinċiparjament f'idejh ladarba huwa l-iktar persuna li tkun taħdem fil-qrib mal-uffiċjal (għalkemm ir-rakkomandazzjoni tkun trid tgħaddi mill-għarbiel tas-Segretarju Permanenti w aktar tard tal-Kummissjoni), u ma kienx marbut jikkonsulta mal-uffiċjal qabel ma titressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu;*

*Illi fin-nuqqas ta' liġi, il-Qorti tqis li l-għarbiel li trid tuża biex tkejjel is-siwi u s-setgħat tal-għemil li minnu tilmenta l-attriċi huwa l-qafas tal-imsemmija prassi amministrattiva. Imiss li tara jekk is-CIO (il-persuna li ressqet ir-rakkomandazzjoni fil-konfront ta' l-attriċi) marx lil hinn minn dan il-qafas meta għażel li ma jġeddidx il-kuntratt;*

*Illi l-attriċi tisħaq li s-CIO kien ippreġudikat kontriha matul iż-żmien meta kien il-Kap tat-taqsima tagħha, u li dan wassal biex*

*jirrakkomanda li f'għeluq il-kuntratt, dan ma jiġġeddidx. Issostni dan billi ssemmi numru ta' inċidenti meta ħassitha umiljata bl-ordnijiet li mpona fuqha bħal, fost oħrajn, meta ġiet mitluba tirrapporta lil uffiċjal kollega tagħha li kien fl-istess grad tagħha, kif ukoll meta tneħħa minn taħt idejha xogħol li kienet ilha tagħmlu u kienet kisbet esperjenza fih tul is-snin jew għaliex kellha l-kwalifiċi akkademiċi u ta' studjat dwaru, u ngħata lill uffiċjal li ma kellux l-esperjenza tagħha;*

*Illi fir-rigward tal-preġudizzju li l-attriċi tixli bih lis-CIO fil-konfront tagħha, hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni amministrattiva li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction"41. Il-klawsola 7.5 tal-kuntratt tagħmilha ċara – jintużaw il-kliem "shall thereupon determine" – li fit-teħid tad-deċiżjoni dwar jekk il-kuntratt kellux jiġġedded jew le fuq talba tal-attriċi, is-Segretarju Permanenti*

*Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, is-CIO) ma tkunx marbuta biss mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq, u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni;*

*Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali w kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorità mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;*

*Illi d-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;*

*Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati;*

*Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabbilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;*

*Illi meta l-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda mressqa quddiemha ma ħariġx li s-CIO mexa b'mod mhux raġonevoli jew li nqeda b,mod abbużiv bid-diskrezzjoni fdata f'idejh. Jidher sewwa li, matul iż-żmien tal-kuntratt, kienu qamu ħafna kwestjonijiet dwar imġiba jew atteġġamenti ta' wħud minn sħab l-attriċi fil-konfront tagħha; kwestjonijiet dwar xogħol li kellha tagħmel jew jekk messux jagħmlu ħaddieħor; safar għal konferenzi barra minn Malta, u ħwejjeġ oħra;*

*Illi taqbel jew ma taqbilx mad-deċiżjoni milħuqa fil-mertu fir-rigward tal-attriċi, din il-Qorti ma ssib li sar l-ebda tiġbid jew raġunament li persuna raġonevoli ma kenitx tasal biex tilħaq. Lanqas ma sabet li ċ-ċirkostanzi partikolari identifikati mill-attriċi jikkostitwixxu kriterji arbitrarji jew nieqsa mir-raġonevolezza. Bla ma toqgħod issemmi u ssensel il-każijiet kollha li l-attriċi ssemmi biex turi kemm l-imġiba tas-superjur tagħha u ta' wħud minn sħabha kienu jġibhulha tbatija u dieqa, din il-Qorti tgħid biss li dawn l-episodji bdew sa minn ftit wara li ngħatat il-kuntratt, baqgħu għaddejjin tul il-mixja kollha tiegħu u kienu mifruxa fuq bosta ħwejjeġ marbuta mal-impenji tagħha taħt il-kuntratt;*

*Illi minn dawn il-provi mressqa (l-aktar dawk dokumentali) joħroġ li l-attriċi, minkejja li aċċettat li taħdem bħala ICT Governance Officer,*

*baqgħet qalbha marbuta max-xogħol tal-informatika li snin qabel kienet tagħmel fis-settur tas-saħħa. It-tneħħija ta' xogħol marbut mas-saħħa minn taħt ir-responsabbilità tagħha nissel fiha mrar kemm lejn is-CIO li ħa din id-deċiżjoni, kif ukoll lejn l-uffiċjal li beda jagħmel xogħolha minflokha54. In-nuqqas ta' kompatibilità bejnha u bejn l-uffiċjal l-ieħor tiddomona l-biċċa l-kbira tal-e-mails li għaddew bejnha u bejn is-CIO. Jirriżulaw wkoll karatteristiċi li l-CIO jgħid li kienu nieqsa fl-attriċi għall-aħjar twettiq tal-kariga li hija kellha. Dawn l-istess dokumenti jorbtu ma' dak li s-CIO xehed dwaru bħala x'wasslu biex jirrikmanda li l-kuntratt ma jiġġeddidx;*

*Illi l-Qorti tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tad-deċiżjoni58 li ngħatat mill-Grievances Bord (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'il-Bord') li quddiemu l-attriċi ressqet ilment marbut ma' inġustizzja: ilment li jifforma sewwasew il-mertu ta' din il-kawża u li tressaq matul iż-żmien li din il-kawża kienet miexja u snin wara li nfetħet (hemmhekk ressqet ix-xilja ta' diskriminazzjoni politika). Il-Bord jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq informazzjoni li tinstab fil-file personali tal-attriċi, fosthom assessments li, fi kliem il-Bord, kien u favorevoli għall-attriċi. Il-Qorti tqis li ma tistax tgħaddi ġudizzju fuq dawn is-sejbiet ladarba quddiemha ma tressqux l-assessments li fuqhom il-Bord wasal għal ġudizzju tiegħu.*

*Tosserva biss li, skond xiehda li ngħatat quddiemha59, dak il-Bord normalment ma kienx iqis ilmenti mressqa quddiemu jekk kemm-il darba dawn kienu l-mertu ta' xi proċedura quddiem qorti, l-Ombudsman jew xi tribunal dwar inġustizzji. Minkejja li kien mgħarraf b'din il-kawża, l-Bord mexxa xorta waħda u qies l-ilment tal-attriċi;*

*Illi fuq is-saħħa ta' dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li, safejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq ix-xiljiet ta' nuqqas ta' tħaris ta' ħtiġijiet proċedurali mandatorji jew ta' nuqqas ta' raġonevolezza tad-deċiżjoni amministrattiva meħuda, it-talbiet mhumiex mistħoqqa;*

*Illi safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq ksur tal-ħarsien tar-regoli talħaqq naturali, l-attriċi tgħid li dan ġara minħabba li ma ngħatatx raġuni għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni li l-kuntratt tagħha ma jiġġeddidx. Kif issemma aktar qabel, l-għeluq taż-żmien miftiehem kien raġuni li l-attriċi kienet taf biha sa minn dakinhar li bdielha l-kuntratt;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ma seħħilhiex turi li d-deċiżjoni minnha attakkata ttieħdet b'mod abbużiv jew irraġonevoli, u għalhekk l-ewwel talba tagħha mhix mistħoqqa;*

*Illi ladarba l-Qorti qieghda tasal għal din il-fehma, ma hemm l-ebda ħtieġa li tqis iż-żewġ talbiet attriċi l-oħrajn, għaliex dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba. F'kull każ, l-attriċi ċediet ir-raba' talba tagħha;..."*

6. L-attriċi resqet appell nhar id-29 ta' Lulju 2020 li għalih wieġbu l-intimati nhar it-13 ta' Awwissu 2020. Fir-risposta tagħhom l-intimati jisħqu li l-appell huwa null għaliex fl-okkju l-appellanta tniżżlet bil-kunjom Sant minflok Sammut, madankollu din il-kwistjoni ġiet indirizzata permezz ta' talba mressqa mid-difensur tal-appellanta sabiex issir korrezzjoni fl-okkju, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti, li ordnat korrezzjoni kull fejn hu meħtieġ fl-atti u dan fis-seduta ta' nhar it-30 ta' April 2024[2].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

7. L-attriċi tressaq tlett aggravji. Fl-**ewwel aggravju** tilmenta illi l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-klawżoli tal-kuntratt li permezz tiegħu hija ġiet ingaġġata bħala ICT Governance Officer, senjatament klawżola 1.2 li taqra: *"In the eventuality that the definite contract no longer remains in force after expiry of the legal limit stipulated in the above-mentioned Regulations, the contractee will retain, on a personal basis, the basic salary point applicable as on termination of contract and be assigned duties commensurate with the 'Officer in Scale 6' status.*[3]

8. Tilmenta li għalkemm l-appellanta żammet l-istess introjtu, li hija kellha meta ġiet ingaġġata bħala ICT Governance Officer, l-appellata ma żammitx l-istess grad u peress li l-kuntratt ma ġiex imġedded, l-appellata marret lura għall-grad li kellha qabel ma ġiet ingaġġata bħala ICT

---

[2] *Fol.* 641
[3] *Fol.* 7 *et seq.*

Governance Officer u dan bi ksur tal-klawżola 1.2. Li mat-trapass taż-żmien, dawk il-persuni li kienu fi skala 6, liema skala kienet fiha l-appellata qabel mal-kuntratt tagħha ma ġiex imġedded, ġew fi skala 5 u għalhekk teżisti differenza fil-grad u kif ukoll fis-salarju. Dan qiegħed iwassal għall-danni lill-appellata għaliex minħabba d-differenza fil-gradi hemm ukoll differenza fl-introjtu u dan ser jinħass mal-irtirar minħabba l-pensjoni.

9. L-intimati jisħqu li l-appellanta qed tittenta tivvinta aggravji li huma nsostenibbi u nfondati u dan meta l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi. Jisħqu li permezz ta' dan l-appell, l-appellanta mhux tikkontesta l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kuntratt li ma ġiex imġedded iżda qed tikkontesta l-punt li ma ġewx onorati dawk il-klawżoli tal-kuntratt li jirrigwardaw l-iskala ta' xogħol li kienet ser tassumi fi kwalsijasi każ li ma jiġġeddidx l-kuntratt u li ma ġewx evalwati l-*assessments* li saru sabiex ittieħdet id-deċiżjoni in kwistjoni; dan l-aggravju hu bbażat fuq dawn iż-żewġ punti u ma għandux jiġi ndirizzat b'mod aktar estensiv. Jisħqu li l-Ewwel Qorti ma sabitx li kien hemm egħmil amministrattiv skorett jew abbuż ta' diskrezzjoni u li l-kuntratt ma ġġedidx għall-raġunijiet ġusti u ekwi.

10. **Din il-Qorti** taqbel mal-intimati, li dak li qed tilmenta minnu l-attriċi taħt l-ewwel aggravju ma jirrigwardax it-talbiet imressqa mill-attriċi fir-rikors promotur taghħa, liema talbiet kienu jirrigwardaw speċifikament li l-attriċi tingħata lura l-impjieg tagħha. Konsegwentement din il-Qorti ma

tqisx li f'dan l-istadju għandha tidħol fil-mertu tal-interpretazzjoni tal-istess klawżoli kuntrattwali u dan meta ma jista' jwassal għall-ebda ordni minn din il-Qorti.

11. Fuq kollox u kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Maryanne Vella v. Brian Zammit** et[4] deċiża 31 ta' Mejju 2023:

> *"16. Huwa magħruf sewwa li l-Qrati Superjuri huma marbuta li jiddeċiedu l-kawżi fuq dak li jiġi mniżżel fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih jinbdew. Tali prinċipju huwa ta' natura tant fundamentali li f'każ li xi Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri tonqos milli tagħmel hekk, dik is-sentenza tkun tista' tiġi mħassra minħabba l-vizzju tal-ultra jew l-extra petita. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': Emanuel Farrugia v. Anthony Borg pro. et. noe. deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2021;7 Alessio Cassar et. v. Joseph Agius et. deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-29 ta' Ottubru, 2021,8 u Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa, deċiża minn din il-Qorti fil-24 ta' Ġunju, 20119 );"*

12. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

13. Permezz **tat-tieni aggravju**, l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li l-appellanta dejjem kellha *assessments* tajbin u li mingħajr ma ngħatat raġuni tajba, l-kuntratt tagħha ma ġiex imġedded, meta tisħaq li hi kellha tingħata raġuni. Li minn diversi xhieda prodotti joħroġ li sar *assessment* tal-appellata darbtejn matul tliet snin fil-kariga u li l-*assessment* kien fil-pożittiv. Li l-prassi tal-Kap tad-Dipartiment hi li dan jagħmel *assessment* ta' persuni li huma fid-dipartiment, u li l-assessment jinżamm ġewwa fajl personali biex tittieħed deċiżjoni għandux jiġġedded

[4] Deċiża nhar il-31 ta' Mejju 2023

kuntratt jew le u dan mill-persuna li viċin tiegħu kienet taħdem, anke jekk ir-rakkomandazzjoni trid tgħaddi mill-għarbiel tas-segretarju permanenti u aktar tard tal-kummissjoni. Li l-fatt li l-*assessment* tal-appellata kien dejjem fil-pożittiv, kien prova ċara li l-kuntratt kellu jiġġedded.

14. L-appellanta tagħmel referenza għall-ġurisprudenza lokali u tisħaq li huwa prinċipju ta' amministrazzjoni tajba illi kull persuna li fir-rigward tagħha tkun sejra tittieħed deċiżjoni, speċjalment fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, fejn ikun involut impjieg, li persuna għandha tingħata l-opportunita' li ssemma leħinha bis-sħiħ u kellha d-dritt tappella. Li kellhom jiġu applikati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Li l-attriċi ġiet offruta pożizzjoni oħra li rrifjutat u li kieku ma kinitx kapaċi taqdi dmirijietha, dan ma kienx ser ikun il-każ

15. L-appellati jwieġbu li bħalma qieset l-Ewwel Qorti, r-rifjut għat-tiġdid tal-kuntratt kien imsejjes fuq raġunijiet ġusti u raġonevoli u ma sar l-ebda abbuż, ksur ta' liġi, ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali jew irraġonevoli fid-dettami tal-artikolu 469A(1)(b) *et sequitur* tal-Kapitolu 12.

16. Jisħqu li l-Ewwel Qorti osservat id-dinamika tal-każ odjern fid-dawl ta' erba' (4) kriterji sabiex tanalizza jekk it-talbiet għandhomx jiġu akkolti. L-ewwel kriterju kien fir-rigward ta' min ħa d-deċiżjoni biex il-kuntratt ta' Marzu 2008 ma jiġġedidx. L-appellati jisħqu li din id-diskrezzjoni kienet vestita fuq is-Sur Arthur Gerada li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta'

Chief Information Officer u l-appellanta kienet tirraporta lilu fil-vesti tagħha bħala uffiċjal pubbliku. Li s-Sur Gerada kien vestit b'setgħa diskrezzjonali bl-elementi oġġettivi u soġġettivi u li din is-setgħa tiġi mħaddma fil-parametri tal-liġi. Li din is-setgħa trid tkun waħda raġonevoli. Jisħqu li l-appellanta, fl-irwol tagħha, kienet mistennija tkun effiċjenti, effettiva, taħdem kolletivament ġewwa tim u jkollha ħiliet ta' komunikazzjoni tajbin iżda li sa mill-bidu nett uriet nuqqasijiet fil-prestazzjoni ta' xogħlha u li ma tejbitx il-prestazzjoni tagħha. Li s-Sur Gerada ma bediex jara dawk il-kwalitajiet li wieħed jistenna f'kariga bħall-dik tal-appellanta u li baqgħet tinsisti taħdem fis-settur tas-saħħa u jisħqu li kreat atmosfera ta' tensjoni u li ma kienx hemm iċ-ċirkostanzi ġusti li jimmeritaw li l-kuntratt jiġġedded. Għall-dawn ir-raġunijiet ma jistax jitqies illi ġew applikati b'mod ħażin xi wieħed mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi jew li abbużaw mid-diskrezzjoni tagħhom irraġonevolment. Li wara kollox jispetta lill-attriċi li tipprova sodisfaċentament li d-diskrezzjoni mogħtija lis-Sur Gerada kienet *ultra vires*.

17. Iżidu l-attriċi ma provatx sal-grad mitlub mill-liġi li li kien hemm ksur tal-artikolu 469A. Jisħqu li l-appellanta naqset hi ukoll li timxi mal-klawżola 7.5 tal-kuntratt għaliex bagħtet l-intenzjoni tagħha li tkompli fl-inkarigu anqas minn xahrejn bogħod mit-terminazzjoni tal-kuntratt, meta dan kellha tagħmel sa mhux aktar minn xahrejn bogħod mit-terminazzjoni tal-kuntratt. Li billi wara li għalaq il-kuntratt l-attriċi kompliet fl-impjieg tagħha, ma jfissirx li l-kuntratt ġie mġedded b'mod awtomatiku.

18. **Din il-Qorti tqis li f'każijiet ta' dan it-tip, il-kompitu tal-qorti mhuwiex li tieħu deċiżjoni minflok il-persuni mogħnija bis-setgħa tal-istess deċiżjoni iżda li tiddetermina jekk id-deċiżjoni mittieħda ttieħditx fil-parametri tal-artikolu 469A u bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.**

19. Issa f'dan l-istadju din il-Qorti trid tiddetermina wkoll jekk hemmx raġuni li tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Rocco sive Ronnie Schembri et vs C&F Building Contractors Limited (C15308), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-18 ta' Ġunju 2024 fejn intqal li:

> *"... Kif inżamm fis-sentenza Antoine Spiteri v. Mario Vella et. mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2023:*
>
> *"Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula)."*
>
> *23. Illum huwa aċċettat li, fejn jidħol l-apprezzament tal-provi mwettaq minn qorti tal-ewwel istanza, "il-Qorti tal-Appell għandha*

> *awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr Joseph Muscat – Prim Ministru et. – Qorti tal-Appell – 14 ta' Diċembru, 2018; ara wkoll Stephen Tanti et. v. Louis Scerri Montalto et. – Qorti tal-Appell – 8 ta' Ottubru, 2020)."*

20. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismiijet **Logotenent Kurunell Andrew Mallia v Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Marzu 2024, fejn intqal:

> *"..29. Huwa magħruf sewwa li fi kwestjonijiet dwar jekk l-awtorità amministrattiva tkunx wettqet is-setgħat diskrezzjonali tagħha b'ħarsien sħiħ tal-kriterji tar-raġonevolezza u tal-ħaqq, il-Qorti għandha tapplika kejl oġġettiv, u dan sabiex tħalli lil dik l-awtorità amministrattiva tgawdi mill-firxa sħiħa ta' għażliet li l-leġislatur preżumbilment ikun dehrlu li għandu jħalli f'idejha. Għaldaqstant, filwaqt li deċiżjonijiet assurdi kappriċċjużi u mingħajr għaqal jew dehen ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi u raġonevoli, min-naħa l-oħra, jekk deċiżjoni tkun taqa' fil-limiti tar-raġonevolezza, dik id-deċiżjoni għandha tiġi rispettata kemm mill-Qorti kif ukoll minn dawk kollha li tolqothom.*
>
> *30. Sfiq ma' dan, huwa wkoll mifhum li x-xiber li għandha tuża l-Qorti meta tiġi biex tqis ir-raġonevolezza ta' deċiżjoni amministrattiva li dwarha jkun qiegħed jitressaq ilment, huwa dak dwar jekk tali deċiżjoni kinitx mistennija li ttieħed minn persuna raġonevoli. Dan it-test tar-raġonevolezza, li l-appellant qiegħed jirreferi għalih bħala l-'Wednesbury test', jeħodna lura għall-każ ta' 'Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation'24 li fih Lord Greene semma bħala kriterju li l-għemil li dwaru jkun qiegħed isir l-ilment irid ikun "so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority" . Fis-sentenza fil-każ ta' 'Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service', Lord Diplock kompla jfisser dan il-kunċett billi qal li l-'Wednesbury unreasonableness' tapplika għal dawk id-*

*deċiżjonijiet li jkunu "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"..*

21. Issa f'dan il-każ din il-Qorti, wara li fliet l-atti mressqa, taċċenna fuq konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti fejn saħqet:

22. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li saħqet l-Ewwel Qorti, li peress li t-terminu tal-kuntratt kien definit, l-għotja ta' xi raġuni l-għala l-kuntratt ma ġiex imġedded kienet fil-fatt sekondarju u dan għaliex l-attriċi kienet taf mill-bidu li l-kuntratt għandu terminu li jiskadi.

23. Tassew jidher li kien hemm diversi kwistjonijet relatati jew mal-imġieba tal-attriċi jew tal-kollegi tagħha fuq il-post tax-xogħol, li b'mod raġonevoli, mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu fir-rigward ta' min kellu jew ma kellux raġun, wasslu biex ingħatat rakkomandazzjoni li l-kuntratt tal-attriċi ma jiġġeddidx. Fir-rigward tal-performance tagħha, l-Ewwel Qorti diġà għamlet l-osservazzjonjiiet tagħha. Issa jekk wieħed jiżen dak li seħħ fit-tliet snin li kienet ilha fid-dipartiment, din il-Qorti ma tqisx li d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tal-attriċi sabiex ma tiġix imġedda fil-pożizzjoni kienet deċiżjoni irraġonevoli.

24. Aktar importanti minn hekk, din il-Qorti tqis li l-persuni imħarrkin fl-aħħar mill-aħħar imxew fuq dak li rrakkomanda s-Sur Arthur Gerada stante li huma ma kienux jaħdmu dirett mal-istess attriċi. Din il-Qorti ma

tqisx li l-intimati aġixxew b'mod li kien ultra vires u dan peress li mhux qed jiġi kkontestat li **d-deċiżjoni li ma jiġix imġedded il-kuntratt** ittieħdet minn persuni li kellhom il-mansjoni jieħdu l-istess deċiżjoni. In oltre jingħad li l-attriċi ma ressqet l-ebda prova li hi kellha dritt tirrikorri għal xi smiegħ jew li tiġi kkonsultata jew li fil-fatt teżisti xi proċedura applikabbli li ma ġietx applikata għaliha. Tqis li l-partijiet ikkonċernati sempliċiment imxew mal-kuntratt applikabbli. Konsegwentement din il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

25. Taħt il-kappa tat-**tielet aggravju l-attriċi** tilmenta li ma kellhiex tkun ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-Ewwel Qorti. Tenut kont li l-ewwel żewġ aggravji ġew miċħuda, dan l-aggravju issa huwa superfluwu.

**Deċide**

26. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu. Spejjeż kontra l-attriċi.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb